MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 380/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fid-19 ta' Diċembru tas-sena 1997 (Vide Dok. 'A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar J. Cilia datat 30 ta' Jannar, 2006;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għal partijiet li jaqbdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minħabba l-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa u tad-dritt għal att taż-żwieġ u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn l-imsemmija partijiet huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli 19(1)(d) u (f) ta' l-Att taż-Żwieġ ta' l-1975 b'tortijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

7. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null u invalidu skond il-liġi;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-7 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta esponiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi m'humiex kontestati;

2. Illi l-ispejjeż għandhom ikunu a karigu uniku tal-attur.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi permezz tar-risposta tagħha l-konvenuta ammettiet it-talba ħlief fir-rigward tal-ispejjeż.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur, tal-konvenuta u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1997 a bażi ta' l-artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta kif ġia' ingħad ammettiet it-talba, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni bħal ma hu dak odjern.

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet
essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu jidher ċar li ż-żwieġ bejn il-partijiet kien kundannat li jfalli. Il-partijiet jaqblu li l-konvenuta ma riditx li jkollha tfal miż-żwieġ għalkemm iwaħħlu f’xulxin għal dan – il-konvenuta tgħid li dan kien għaliex l-attur kien dejjem moħħu fl-għalqa u hija ma ħassitx li seta’ jkollha futur tajjeb miegħu. Il-fatt li parti ikollha l-intenzjoni ferma li ma jkollhiex tfal huwa suffiċjenti biex iż-żwieġ ikun dikjarat null – ara s-sentenza tal-Prim’Awla fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deċiża fit-30 ta’ Marzu, 1994.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fid-19 ta’ Diċembru, 1997. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------